MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 505/2004

**APS Bank Limited**

**vs**

**Joseph Borg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat 5 ta’ Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt mija u lira Maltin u sebghin centezmu (Lm601.70) dovuta kwantu ghas-somma ta’ hames mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm582.55) bhala bilanc ta’ debitu ta’ loan account numru 10711832027 u kwantu ghas-somma ta’ dsatax il-lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm19.15) bhala bilanc debitu ta’ kont kurrenti numru 20000097762; u dana oltre l-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2003..

Bl-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2003 sad-data tal-hlas effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri. .

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u lira Maltin u sebghin centezmu (Lm601.70) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------